32006D0148

L 55/51 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 25.2.2006

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## ta' l-24 ta' Frar 2006

## dwar l-introduzzjoni ta' tilqim preventiv kontra l-influwenza tat-tjur H5N1 b'patoġeniċità għolja u dispożizzjonijiet relatati għall-movimenti fi Franza

*(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 632)*

**(It-test bil-Franċiż biss hu awtentiku)**

(2006/148/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur u li tirrevoka d-Direttiva 92/40/KEE [1], u partikolarment l-Artikolu 57(2) tagħha,

Billi:

(1) L-influwenza tat-tjur hija marda virali infettiva fit-tjur ta' l-irziezet u l-għasafar, li tikkawża mwiet u disturbi li malajr jistgħu jiksbu daqs epiżootiku li kapaċi jkunu ta' theddida serja għas-saħħa ta' l-annimali kif ukoll taħt ċerti ċirkostanzi lis-saħħa umana. Hemm riskju li l-aġent tal-marda jista' jinxtered lejn stabbilimenti oħra u b'hekk jitnaqqas il-qligħ mit-trobbija tat-tjur ta' l-irziezet, lejn għasafar selvaġġi u minn Stat Membru wieħed għal Stati Membri oħra u lil pajjiżi terzi permezz tal-kummerċ internazzjonali fi tjur ħaj u l-prodotti tiegħu.

(2) Il-virus A ta' l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N1 ġie iżolat mit-tjur selvaġġ f'ċerti partijiet tal-Komunità u f'pajjiżi terzi ġirien tal-Komunità jew b'popolazzjoni ta' għasafar li jpassu fix-Xitwa. Il-probabilità li l-virus jiddaħħal ma' l-għasafar selvaġġi qed tiżdied matul l-istaġun tal-passa li jmiss.

(3) Fi Franza, hemm fis-seħħ sistemi ta' individwazzjoni bikrija u miżuri fil-qasam tal-bijosigurtà biex jitnaqqas ir-riskju ta' trażmissjoni ta' l-influwenza tat-tjur għall-qatgħat tat-tjur ta' l-irziezet.

(4) Fl-opinjoni tagħha dwar "*Animal health and welfare aspects of avian influenza*" ta' l-20 ta' Settembru 2005, il-Grupp ta' Esperti Xjentifiċi fis-Saħħa u l-Benessri ta' l-annimali ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza Alimentari jirrakkomanda li tilqim preventiv jista' jitqies jekk jiġi identifikat riskju kbir li jiddaħħal il-virus f'żoni tat-trobbija tat-tjur b'popolazzjoni għolja. Madankollu, din il-prattika m'għandhiex tikkompromietti l-miżuri stretti fil-qasam tal-bijosigurtà u oħrajn li għandhom ikunu fis-seħħ f'dawk iż-żoni bil-għan li jeqirdu kwalunkwe introduzzjoni ta' virus.

(5) Fil-21 ta' Frar 2006, Franza ressqet pjan għat-tilqim preventiv għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni fid-dawl tar-riskju partikolari li tidħol l-influwenza tat-tjur f'ċerti żoni tat-territorju tagħha Il-Kummissjoni eżaminat minnufih dan il-pjan f'kollaborazzjoni ma' Franza u tqis li wara ċerti adattamenti l-pjan hu konformi mad-dispożizzjonijiet Komunitarji relevanti. Għalhekk, jidher li hu xieraq li l-pjan ikun approvat.

(6) Skond dan il-pjan Franza bi ħsiebha tlaqqam papri u wiżż kontra l-influwenza tat-tjur H5N1 b'patoġeniċità għolja. Dan għandu jitqies bħala "proġett sperimentali" minħabba li hemm esperjenza limitata fit-tilqim preventiv għal dawk l-ispeċijiet.

(7) Għandhom jintużaw biss vaċċini awtorizzati skond id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji [2] jew ir-Regolament Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini. [3]

(8) Meta t-tilqim preventiv isir fi Franza għandu jkun implimentat monitoraġġ ta' qatgħat ta' tjur ta' l-irziezet imlaqqma jew mhux imlaqqma u r-restrizzjonijiet tal-movimenti ta' għasafar imlaqqma.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

[1] ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16.

[2] ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/28/KE (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 58).

[3] ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Suġġett, ambitu u definizzjonijiet**

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi ċerti miżuri li għandhom jiġu applikati fi Franza fejn it-tilqim preventiv isir f'ċerti stabbilimenti għat-tjur ta' l-irziezet f'żoni definiti f'riskju partikolari li tidħol l-influwenza tat-tjur H5N1 b'patoġeniċità għolja inklużi d-dispożizzjonijiet għall-movimenti ta' tjur ta' l-irziezet imlaqqam u l-prodotti tiegħu.

2. Għall-għan ta' din id-Deċiżjoni, id-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE se japplikaw kif jixraq.

*Artikolu 2*

**Approvazzjoni tal-programm ta' tilqim**

1. Il-pjan għat-tilqim preventiv kontra l-influwenza tat-tjur H5N1 b'patoġeniċità għolja, imressaq lill-Kummissjoni minn Franza fil-21 ta' Frar 2006, huwa approvat ("il-pjan għat-tilqim preventiv").

It-tilqim preventiv għandu jsir b'vaċċin eterologu inattivat tas-sottotipi H5 ta' l-influwenza tat-tjur awtorizzat minn Franza f'papri u wiżż fiż-żoni elenkati fl-Anness ("iż-żoni għat-tilqim preventiv").

2. Kif stipulat fil-pjan għat-tilqim preventiv, għandu jsir monitoraġġ u sorveljanza intensivi fiż-żoni għat-tilqim preventiv.

3. Il-pjan għat-tilqim preventiv għandu jiġi implimentat b'mod effiċjenti.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-pjan għat-tilqim preventiv.

*Artikolu 3*

**Dispożizzjonijiet għall-movimenti ta' tjur ta' l-irziezet ħaj, bajd tat-tfaqqis, flieles ta' ġurnata, laħam frisk tat-tjur ta' l-irziezet, laħam ikkapuljat, preparazzjonijiet tal-laħam, laħam isseparat mekkanikament u prodotti tal-laħam**

Id-dispożizzjonijiet għall-movimenti ta' tjur ta' l-irziezet ħaj u bajd tat-tfaqqis li ġejjin u/jew joriġinaw minn stabbilimenti fejn isir it-tilqim preventiv u dwar il-movimenti ta' flieles ta' ġurnata u laħam frisk tat-tjur ta' l-irziezet, laħam ikkapuljat, preparazzjonijiet tal-laħam, laħam isseparat mekkanikament u prodotti dderivati minn tjur ta' l-irziezet imlaqqam skond il-pjan għat-tilqim preventiv għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 9 ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 4*

**Dispożizzjonijiet għall-movimenti u l-bgħit ta' tjur ta' l-irziezet ħaj, bajd tat-tfaqqis u flieles ta' ġurnata**

1. L-awtorità kompetenti għandha tiggarantixxi li t-tjur imlaqqam jista' jkun imċaqlaq biss mill-istabbiliment tagħhom lejn:

(a) stabbilimenti oħra fejn isir it-tilqim; jew

(b) stabbilimenti oħra fejn jinżamm tjur imlaqqam biss; jew

(c) stabbilimenti oħra fejn separazzjoni kompleta bejn it-tjur imlaqqam u dak mhux imlaqqam tista' tkun garantita; jew

(d) biċċerija għall-qatla immedjata;

fi Franza.

2. Ebda tajra ta' l-irziezet ħajja imlaqqma, bajd tat-tfaqqis u fellus ta' ġurnata li joriġinaw minn dan it-tjur ma għandhom jintbagħtu minn Franza.

3. Ebda tajra ta' l-irziezet ħajja, bajd tat-tfaqqis u fellus ta' ġurnata li joriġinaw minn stabbilimenti fejn sar tilqim jew minn stabbilimenti msemmija fil-paragrafu 1(a), 1(b) jew 1(c) ma għandha tintbagħat minn Franza.

*Artikolu 5*

**Ċertifikati tas-saħħa għall-kummerċ intra-Komunitarju għall-konsenji ta' tjur ta' l-irziezet ħaj, flieles ta' ġurnata u l-bajd tat-tfaqqis**

Iċ-ċertifikati tas-saħħa għall-kummerċ intra-Komunitarju fi tjur ta' l-irżiezet ħaj, flieles ta' ġurnata u l-bajd tat-tfaqqis minn Franza għandu jinkludi dawn il-kliem:

"Il-konsenja tikkonsisti minn tjur ta' l-irziezet ħaj/flieles ta' ġurnata/bajd tat-tfaqqis li joriġina minn stabbilimenti fejn ebda tilqima ma saret kontra l-influwenza tat-tjur."

*Artikolu 6*

**Dispożizzjonijiet għall-bgħit ta' laħam frisk tat-tjur ta' l-irziezet, laħam ikkapuljat, preparazzjonijiet tal-laħam, laħam isseparat mekkanikament u prodotti tal-laħam**

1. L-awtorità kompetenti għandha tiggarantixxi li l-laħam frisk idderivat minn tjur ta' l-irziezet vaċċinat fi Franza jitqiegħed fis-suq biss bil-kundizzjoni li l-laħam jiġi minn tjur li:

(a) joriġina minn stabbilimenti li ġew spezzjonati u ttestjati regolarment b'riżultati negattivi għall-influwenza tat-tjur H5N1 b'patoġeniċità għolja skond "il-pjan għat-tilqim preventiv" b'attenzjoni partikolari għall-għasafar sentinella;

(b) joriġina minn qatgħat li ġew spezzjonati klinikament minn veterinarju uffiċjali fi żmien 48 siegħa qabel it-tagħbija, b'attenzjoni partikolari għall-għasafar sentinella;

(c) jinżamm separat minn qatgħat oħra li ma jikkonformawx ma' l-Artikolu 4 u ma' dan l-Artikolu; kif ukoll

(d) il-laħam ġie prodott skond l-Anness II u t-Taqsimiet II u III ta' l-Anness III mar-Regolament (KE) Nru 853/2004 [1] u kkontrollat skond it-Taqsimiet I, II, III, u l-Kapitoli V u VII tat-Taqsima IV ta' l-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 854/2004 [2];

2. L-awtorità kompetenti għandha tiggarantixxi li l-laħam ikkapuljat, il-preparazzjonijiet tal-laħam, il-laħam isseparat mekkanikament u l-prodotti tal-laħam li fihom laħam idderivat minn papri u wiżż jintbagħat biss minn Franza jekk il-laħam jikkonforma mal-paragrafu (1) u huma prodotti skond it-Taqsimiet V u VI ta' l-Anness III mar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

*Artikolu 7*

**Dokumenti kummerċjali għal-laħam frisk tat-tjur ta' l-irziezet, laħam ikkapuljat, preparazzjonijiet tal-laħam, laħam isseparat mekkanikament u prodotti tal-laħam**

Franza għandha tiggarantixxi li l-laħam frisk tat-tjur ta' l-irziezet, laħam ikkapuljat, preparazzjonijiet tal-laħam, laħam isseparat mekkanikament u prodotti tal-laħam li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 6 huma akkumpanjati minn dokumenti kummerċjali li jiddikjaraw:

"Il-konsenja tikkonforma mal-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/148/KE".

[1] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55; verżjoni korretta fil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2005 (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 83).

[2] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206; verżjoni korretta fil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 83; Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2005 (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 83).

*Artikolu 8*

**Informazzjoni lill-Istati Membri**

Franza għandha tinforma minn qabel l-awtorità veterinarja ċentrali fl-Istat Membru li se jaslulu l-konsenji msemmija fl-Artikolu 7.

*Artikolu 9*

**Ħasil u diżinfezzjoni tal-pakkettjar u mezzi tat-trasport**

Franza għandha tiggarantixxi li l-miżuri li ġejjin jittieħdu għal stabbilimenti, li jinsabu f'żoni kif elenkati fl-Anness, fejn qed isir it-tilqim preventiv:

(a) materjal tal-pakketti li jista' jintrema, jew li jista' jinħasel u jiġi diżinfettat b'mod effikaċji, jintuża biss għall-ġbir, il-ħżin u t-trasport tal-bajd tat-tfaqqis u l-flieles ta' ġurnata;

(b) il-mezzi kollha ta' trasport li jintużaw għat-trasport ta' tjur tal-irziezet ħaj, il-bajd tat-tfaqqis, it-tjur ta' ġurnata, laħam frisk tat-tjur ta' l-irziezet, il-laħam ikkapuljat, preparazzjonijiet tal-laħam, laħam isseparat mekkanikament u prodotti tal-laħam u l-għalf tat-tjur jitnaddfu u jiġu diżinfettati minnufih qabel u wara kull trasport bid-diżinfettanti u l-metodi ta' l-użu approvati mill-awtorità kompetenti.

*Artikolu 10*

**Penali**

Franza għandha tistabbilixxi regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni u għandha tieħu l-miżuri kollha neċessarji sabiex tiżgura li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effikaċji, propozjonati u diżwassivi. Franza għandha tinnotifika lill-Kummissjoni b'dawk id-dispożizzjonijiet sa mhux aktar tard mis-7 ta' Marzu 2006 u għandha tinnotifika lill-Kummissjoni b'kwalunkwe emenda li tagħmel fihom.

*Artikolu 11*

**Rapporti**

Franza għandha tressaq rapport lill-Kummissjoni li fih l-informazzjoni dwar l-effikaċja tal-programm ta' tilqim preventiv fi żmien xahar mid-data ta' l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u, mis-7 ta' Marzu 2006, tressaq rapport kull xahar lill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

*Artikolu 12*

**Reviżjoni tal-miżuri**

Il-miżuri għandhom jiġu riveduti fid-dawl ta' l-iżvilupp tas-sitwazzjoni epidemjoloġika u l-informazzjoni ġdida li tkun saret disponibbli.

*Artikolu 13*

**Destinatarju**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmula fi Brussell, l-24 ta' Frar 2006.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**ŻONI FEJN ISIR IT-TILQIM PREVENTIV KONTRA L-INFLUWENZA TAT-TJUR F'ĊERTI STABBILIMENTI GĦAL PAPRI U WIŻŻ**

**Lista ta' muniċipalitajiet**

| **DIPARTIMENT TAL-LANDES** | | |
|---|---|---|
| AIRE-SUR-L'ADOUR | HAGETMAU | PIMBO |
| ANGRESSE | HAUT-MAUCO | PORT-DE-LANNE |
| ARBOUCAVE | HERRE | POUDENX |
| ARTASSENX | HONTANX | POUYDESSEAUX |
| ARTHEZ-D'ARMAGNAC | HORSARRIEU | PUJO-LE-PLAN |
| AUBAGNAN | LABASTIDE-CHALOSSE | PUYOL-CAZALET |
| AUDIGNON | LABASTIDE-D'ARMAGNAC | RENUNG |
| BAHUS-SOUBIRAN | LABENNE | RIMBEZ-ET-BAUDIETS |
| BASCONS | LACAJUNTE | SAINT-AGNET |
| BAS-MAUCO | LACQUY | SAINT-ANDRE-DE-SEIGNANX |
| BATS | LACRABE | SAINT-BARTHELEMY |
| BENESSE-MAREMNE | LAGLORIEUSE | SAINT-CRICQ-VILLENEUVE |
| BENQUET | LAGRANGE | SAINTE-COLOMBE |
| BETBEZER-D'ARMAGNAC | LARRIVIERE | SAINTE-FOY |
| BIARROTTE | LATRILLE | SAINTE-MARIE-DE-GOSSE |
| BIAUDOS | LAURET | SAINT-ETIENNE-D'ORTHE |
| BISCARROSSE | LE FRECHE | SAINT-GEIN |
| BORDERES-ET-LAMENSANS | LE VIGNAU | SAINT-JEAN-DE-MARSACQ |
| BOSTENS | LOSSE | SAINT-JULIEN-D'ARMAGNAC |
| BOUGUE | LUSSAGNET | SAINT-JUSTIN |
| BOURDALAT | MANT | SAINT-LAURENT-DE-GOSSE |
| BRETAGNE-DE-MARSAN | MAURIES | SAINT-LOUBOUER |
| BUANES | MAURRIN | SAINT-MARTIN-DE-HINX |
| CAPBRETON | MAUVEZIN-D'ARMAGNAC | SAINT-MARTIN-DE-SEIGNANX |
| CASTANDET | MAZEROLLES | SAINT-MAURICE-SUR-ADOUR |
| CASTELNAU-TURSAN | MIRAMONT-SENSACQ | SAINT-PIERRE-DU-MONT |
| CAZERES-SUR-L'ADOUR | MOMUY | SAINT-SEVER |
| CLASSUN | MONGET | SAINT-VINCENT-DE-TYROSSE |
| CLEDES | MONSEGUR | SAMADET |
| COUDURES | MONT-DE-MARSAN | SANGUINET |
| CREON-D'ARMAGNAC | MONTEGUT | SARRAZIET |
| DUHORT-BACHEN | MONTGAILLARD | SARRON |
| DUMES | MONTSOUE | SAUBION |
| ESCALANS | MORGANX | SAUBRIGUES |
| ESTIGARDE | ONDRES | SERRES-GASTON |
| EUGENIE-LES-BAINS | ORX | SOORTS-HOSSEGOR |
| EYRES-MONCUBE | PARLEBOSCQ | SORBETS |
| FARGUES | PAYROS-CAZAUTETS | TARNOS |
| GABARRET | PECORADE | URGONS |
| GAILLERES | PERQUIE | VIELLE-TURSAN |
| GEAUNE | PEYRE | VILLENEUVE-DE-MARSAN |
| GRENADE-SUR-L'ADOUR | PHILONDENX | |

| DIPARTIMENT TAL-LOIRE-ATLANTIQUE | | |
|---|---|---|
| ARTHON-EN-RETZ | LA CHAPELLE-LAUNAY | REZE |
| ASSERAC | LA CHAPELLE-SUR-ERDRE | ROUANS |
| AVESSAC | LA CHEVROLIERE | SAINT-AIGNAN-GRANDLIEU |
| BASSE-GOULAINE | LA GRIGONNAIS | SAINT-ANDRE-DES-EAUX |
| BATZ-SUR-MER | LA LIMOUZINIERE | SAINT-BREVIN-LES-PINS |
| BESNE | LA MARNE | SAINT-COLOMBAN |
| BLAIN | LA MONTAGNE | SAINTE-ANNE-SUR-BRIVET |
| BOUAYE | LA PLAINE-SUR-MER | SAINTE-LUCE-SUR-LOIRE |
| BOUEE | LA TURBALLE | SAINTE-PAZANNE |
| BOUGUENAIS | LAVAU-SUR-LOIRE | SAINTE-REINE-DE-BRETAGNE |
| BOURGNEUF-EN-RETZ | LE BIGNON | SAINT-ETIENNE-DE-MONTLUC |
| BOUVRON | LE CROISIC | SAINT-GILDAS-DES-BOIS |
| BRAINS | LE GAVRE | SAINT-HERBLAIN |
| CAMPBON | LE PELLERIN | SAINT-HILAIRE-DE-CHALEONS |
| CARQUEFOU | LE POULIGUEN | SAINT-JEAN-DE-BOISEAU |
| CHAUVE | LE TEMPLE-DE-BRETAGNE | SAINT-JOACHIM |
| CHEIX-EN-RETZ | LES MOUTIERS-EN-RETZ | SAINT-JULIEN-DE-VOUVANTES |
| CHEMERE | LES SORINIERES | SAINT-LEGER-LES-VIGNES |
| CONQUEREUIL | MACHECOUL | SAINT-LUMINE-DE-COUTAIS |
| CORDEMAIS | MALVILLE | SAINT-LYPHARD |
| CORSEPT | MARSAC-SUR-DON | SAINT-MALO-DE-GUERSAC |
| COUERON | MASSERAC | SAINT-MARS-DE-COUTAIS |
| CROSSAC | MESQUER | SAINT-MEME-LE-TENU |
| DONGES | MISSILLAC | SAINT-MICHEL-CHEF-CHEF |
| DREFFEAC | MONTOIR-DE-BRETAGNE | SAINT-MOLF |
| FAY-DE-BRETAGNE | NANTES | SAINT-NAZAIRE |
| FEGREAC | NOTRE-DAME-DES-LANDES | SAINT-NICOLAS-DE-REDON |
| FRESNAY-EN-RETZ | ORVAULT | SAINT-PERE-EN-RETZ |
| FROSSAY | PAIMBOEUF | SAINT-PHILBERT-DE-GRAND-LIEU |
| GENESTON | PIERRIC | SAINT-SEBASTIEN-SUR-LOIRE |
| GUEMENE-PENFAO | PIRIAC-SUR-MER | SAINT-VIAUD |
| GUENROUET | PLESSE | SAUTRON |
| GUERANDE | PONTCHATEAU | SAVENAY |
| HERBIGNAC | PONT-SAINT-MARTIN | SEVERAC |
| INDRE | PORNIC | TREILLIERES |
| JUIGNE-DES-MOUTIERS | PORNICHET | TRIGNAC |
| LA BAULE-ESCOUBLAC | PORT-SAINT-PERE | VAY |
| LA BERNERIE-EN-RETZ | PREFAILLES | VERTOU |
| LA CHAPELLE-DES-MARAIS | PRINQUIAU | VIGNEUX-DE-BRETAGNE |
| LA CHAPELLE-GLAIN | QUILLY | VUE |

| DIPARTIMENT TAL-VENDEE | | |
|---|---|---|
| ANGLES | L'AIGUILLON-SUR-MER | POIROUX |
| AUZAY | L'AIGUILLON-SUR-VIE | POUILLE |
| AVRILLE | LAIROUX | PUYRAVAULT |
| BARBATRE | LANDEVIEILLE | ROSNAY |
| BEAUVOIR-SUR-MER | LE BERNARD | SAINT-AUBIN-LA-PLAINE |
| BENET | LE CHAMP-SAINT-PERE | SAINT-AVAUGOURD-DES-LANDES |
| BESSAY | LE FENOUILLER | SAINT-BENOIST-SUR-MER |
| BOIS-DE-CENE | LE GIROUARD | SAINT-CYR-EN-TALMONDAIS |
| BOUILLE-COURDAULT | LE GIVRE | SAINT-DENIS-DU-PAYRE |
| BOUIN | LE GUE-DE-VELLUIRE | SAINTE-FOY |
| BREM-SUR-MER | LE LANGON | SAINTE-GEMME-LA-PLAINE |
| BRETIGNOLLES-SUR-MER | LE MAZEAU | SAINTE-HERMINE |
| CHAILLE-LES-MARAIS | LE PERRIER | SAINTE-PEXINE |
| CHAILLE-SOUS-LES-ORMEAUX | LE POIRE-SUR-VELLUIRE | SAINTE-RADEGONDE-DES-NOYERS |
| CHAIX | LE TABLIER | SAINT-ETIENNE-DE-BRILLOUET |
| CHAMPAGNE-LES-MARAIS | L'EPINE | SAINT-GERVAIS |
| CHASNAIS | LES MAGNILS-REIGNIERS | SAINT-GILLES-CROIX-DE-VIE |
| CHATEAU-D'OLONNE | LES SABLES-D'OLONNE | SAINT-HILAIRE-DE-RIEZ |
| CHATEAU-GUIBERT | LIEZ | SAINT-HILAIRE-DES-LOGES |
| CHATEAUNEUF | L'ILE-D'ELLE | SAINT-HILAIRE-LA-FORET |
| CORPE | L'ILE-D'OLONNE | SAINT-JEAN-DE-BEUGNE |
| CURZON | LONGEVES | SAINT-JEAN-DE-MONTS |
| DAMVIX | LONGEVILLE-SUR-MER | SAINT-JULIEN-DES-LANDES |
| DOIX | L'ORBRIE | SAINT-MARTIN-DE-FRAIGNEAU |
| FONTAINES | LUCON | SAINT-MATHURIN |
| FONTENAY-LE-COMTE | MAILLE | SAINT-MICHEL-EN-L'HERM |
| GIVRAND | MAILLEZAIS | SAINT-MICHEL-LE-CLOUCQ |
| GROSBREUIL | MAREUIL-SUR-LAY-DISSAIS | SAINT-PIERRE-LE-VIEUX |
| GRUES | MONTREUIL | SAINT-REVEREND |
| JARD-SUR-MER | MOREILLES | SAINT-SIGISMOND |
| LA BARRE-DE-MONTS | MOUTIERS-LES-MAUXFAITS | SAINT-URBAIN |
| LA BOISSIERE-DES-LANDES | MOUTIERS-SUR-LE-LAY | SAINT-VINCENT-SUR-GRAON |
| LA BRETONNIERE | MOUZEUIL-SAINT-MARTIN | SAINT-VINCENT-SUR-JARD |
| LA CHAIZE-GIRAUD | NALLIERS | SALLERTAINE |
| LA CHAPELLE-ACHARD | NIEUL-LE-DOLENT | SERIGNE |
| LA CLAYE | NIEUL-SUR-L'AUTISE | TALMONT-SAINT-HILAIRE |
| LA COUTURE | NOIRMOUTIER-EN-L'ILE | TRIAIZE |
| LA FAUTE-SUR-MER | NOTRE-DAME-DE-MONTS | VAIRE |
| LA GUERINIERE | OLONNE-SUR-MER | VELLUIRE |
| LA JONCHERE | OULMES | VIX |
| LA MOTHE-ACHARD | PEAULT | VOUILLE-LES-MARAIS |
| LA TAILLEE | PETOSSE | XANTON-CHASSENON |
| LA TRANCHE-SUR-MER | PISSOTTE | |